MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Kriminali Numru. 26/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elaine Rapinett**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elaine Rapinett talli (flimkien ma' Alberta Amato) fl-10 ta' Novembru 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) Nhar l-10 ta' Novembru 2005, f'xi hin bejn il-5.30 p.m. u s-5.45 p.m. f'Hal Lija ikkomettew serq ta' diversi oggetti u cioe` pakketti tas-sigaretti, liema serq huwa

kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elf liri Maltin, sar ghad-detriment ta' Anthony Brincat minn H'Attard u / jew persuni ohra;

(2) Nhar it-28 ta' Ottubru 2005, f'xi hin bejn il-5.15 p.m. u il-5.30 p.m. f' Haz-Zabbar ikkomettew serq ta' oggetti u cioe` diversi batteriji u ktieb, liema serq sar ghad-detriment ta' Joseph Camilleri minn Haz-Zabbar u / jew persuni ohra;

Kif ukoll talli fl-istess perijodu ta' zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew reati fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni, moghtija mill-Qrati ta' Malta nhar-it 23 ta' Settembru 2005, meta gew misjuba hatja ta' reati u gew ikkundannati ghal sentenza ta' sena habs [*recte:* prigunerija] sospiza ghal tliet snin b'ordni ta' supervizjoni, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

U fl-ahharnett talli rrendew rwiehhom recidivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gew ikkundannati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Jannar 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Elaine Rapinett hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u, wara li rat l-artikoli 261, 267, 279 u 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatha ghal erbatax-il xahar prigunerija ghar-reati kommessi fit-28 ta' Ottubru 2005 u fl-10 ta' Novembru 2005 u inoltre kkundannatha ghal sena prigunerija ghall-ksur tas-sentenza sospiza moghtija lilha fil-25 ta' Settembru 2005;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Elaine Rapinett pprezentat fil-31 ta' Jannar 2007 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitha hatja talli kkommettiet reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, kif ukoll

tirriformaha fil-parti tal-piena u minflok tinfliggi piena gusta u ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma setghet qatt issibha hatja ta’ ksur ta’ sentenza ta’ prigunerija sospiza moghtija fil-25 ta’ Settembru 2006 stante li ma tezisti l-ebda sentenza hekk datata fil-fedina penali taghha izda tezisti wahda datata 5 ta’ Settembru 2005. Inoltre l-ewwel Qorti lliberat lill-ko-imputata Alberta Amato proprju minhabba dan il-punt; (2) l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi attenwanti, fosthom il-konfessjoni dettaljata taghha li kienet strumentali sabiex il-Pulizija ssolvi l-kaz, liema konfessjoni kienet wahda volontarja; (3) minghajr pregudizzju ghall-premess, hija ma gietx akkordata l-beneficcju tar-reat kontinwat ai termini ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9; (4) l-ewwel Qorti ma tatx l-importanza misthoqqha lill-aspett riformattiv u ghalhekk il-piena nflitta kemm fil-kwalita` kif ukoll fil-kwantita` ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv. Piena karcerarja aktarx tkun kontro-produttiva fic-cirkostanzi, partikolarment in vista ta’ l-ammissjoni bikrija taghha.

Kwantu ghall-ewwel aggravju l-appellanti ghandha ragun. Hija giet akkuzata illi kkommettiet ir-reati hawn in kwistjoni matul il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta’ Settembru 2005. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti sabet lill-appellanti hatja li kkommettiet l-imsemmijin reati matul il-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija moghtija fil-25 ta’ Settembru 2005. Fl-atti hemm kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta’ Settembru 2005 (a fol. 120 – 122) minghajr ebda indikazzjoni ta’ min esebiha u meta giet esebita. Mill-fedina penali aggornata ta’ l-appellanti la tirrizulta sentenza li nghatat fit-23 ta’ Settembru 2005 u l-

anqas fil-25 ta’ Settembru 2005 izda, almenu *prima facie*, fil-5 ta’ Settembru 2005. L-ewwel Qorti lliberat lill-ko-imputata Alberta Amato minn imputazzjoni simili ghax qalet li s-sentenza li nghatat fil-konfront ta’ Alberta Amato kienet iggib id-data tal-5 ta’ Settembru 2005 u mhux id-data tat-23 ta’ Settembru 2005 kif tidher fl-akkuza, izda stranament sabet lill-appellanti Elaine Rapinett hatja dwar sentenza tal-25 ta’ Settembru 2005 meta wkoll ma jirrizulta minn imkien li nghatat sentenza fil-konfront ta’ l-istess Rapinett f’dik id-data. Konsegwentement l-ewwel aggravju sejjer jigi milqugh.

L-aggravji l-ohra jirrigwardaw il-piena nflitta mill-ewwel Qorti ta’ erbatax-il xahar prigunerija. In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

L-appellanti tilmenta li ma gietx akkordata l-beneficcju tar-reat kontinwat a tenur ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-kaz odjern, pero`, galadarba si tratta ta’ reat wiehed ta’ serq ikkwalifikat u reat iehor ta’ serq semplici, ma jistax jinghad li l-applikazzjoni ta’ tali artikolu jimporta beneficcju ghall-appellanti peress illi bl-applikazzjoni ta’ l-imsemmi artikolu l-piena tista’ tizdied bi grad jew tnejn ibbazata fuq il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni – li jfisser allura li l-piena minima, b’zieda ta’ grad wiehed, setghet titla’ ghal prigunerija ghal perijodu ta’ seba’ xhur filwaqt illi b’zieda ta’ zewg gradi setghet titla’ ghal prigunerija ghal perijodu ta’ disa’ xhur – u jekk il-piena tizdied bi grad minhabba r-recidiva, tali piena titla’ ghal minimu ta’ tlettax-il xahar prigunerija. Mill-banda l-ohra, jekk tittiehed il-piena taz-zewg reati separatament, hemm l-applikabilita` ta’ l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 li twassal ghal sitwazzjoni aktar favorevoli ghall-appellanti, anke biz-zieda ta’ grad

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

minhabba r-recidiva. Difatti, il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hi ta’ prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa tliet snin filwaqt illi dik dwar it-tieni imputazzjoni hi ta’ prigunerija minn xahar sa sitt xhur. Konsegwentement, il-piena minima hija ta’ hames xhur u ghaxart ijiem filwaqt illi dik massima hija ta’ tliet snin u tliet xhur. Dawn il-parametri jistghu jizdiedu bi grad bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 50 tal-Kap. 9, jigifieri ghal prigunerija minn seba’ xhur sa erba’ snin. Dan ifisser illi meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta’ erbatax-il xahar prigunerija, dik il-piena kienet aktar konfacjenti ma’ l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 18 tal-Kap. 9.

Kwantu ghall-aggravji l-ohra jinghad l-ewwelnett illi hawn si trattava ta’ ammissjoni u, fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Ammissjoni bikrija mbaghad mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

Kwantu ghall-fatt imbaghad li l-appellanti ghamlet konfessjoni volontarja, din il-Qorti tistqarr li b’hekk hija ghamlet dak li kienet fid-dmir li taghmel. Fi kwalunkwe kaz jidher li l-prosekuzzjoni kellha anke xhieda okulari.

Issa, mill-fedina penali ta’ Elaine Rapinett, almenu *prima facie*, jidher illi diga` nghatat bosta opportunitajiet sabiex tirriforma ruhha: *Conditional discharge* darbtejn, *probation* darba, sentenza ta’ prigunerija sospiza darbtejn, kif ukoll canfira u twiddiba tliet darbiet. Sahansitra kien hemm rakkomandazzjoni li tinghata piena karcerarja effettiva mill-ufficjal tal-*probation* li hejjiet *pre-sentencing report*. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti imbaghad kienet entro l-parametri tal-ligi.

F'dan il-kaz, pero`, il-piena kif inflitta mill-ewwel Qorti kienet, kif inghad, aktar konfacjenti ma' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap. 9. U f'dan il-kaz il-parametri tal-piena kellhom ikunu differenti, u cioe` minn seba' xhur sa' erba' snin. Barra minn hekk irid jittiehed kont ta' l-element ta' proporzjonalita` bejn il-valur tar-refurtiva – li f'dan il-kaz kienu valuri minimi – u l-piena attwalment inflitta. Ghal dawn ir-ragunijiet hemm lok ta' temperament fil-piena b'dan illi xorta ghandha tkun piena ta' prigunerija effettiva mhux fil-minimu peress illi l-appellanti ma tistax tibqa' tinjora l-ligijiet ta' pajjizna b'impunita`.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu jirrigwarda l-appellanti Elaine Rapinett, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti Elaine Rapinett hatja tat-tielet imputazzjoni u minflok ma ssibhiex hatja ta' dik l-imputazzjoni u minnha tilliberaha, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatha ghal prigunerija ghal perijodu ta' erbatax-il xahar u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ghal perijodu ta' disa' xhur u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront ta' l-istess Elaine Rapinett fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------